**repubblika**

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**Onor Byron Camilleri**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

9 ta' Mejju 2022

Onorevoli Ministru,

Ma' din l-ittra qiegħed nibgħatlek kopja ta' *post* li skont dak li ntqal lili minn terzi f'dawn l-aħħar jiem ittella' fuq Facebook mis-Sur John Charles Ellul, li hu d-Direttur għall-Istudji fl-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati ta' Malta.

Permezz tal-imsemmi post is-Sur Ellul inċita lill-pubbliku biex "jitfa' l-bajd u t-tadam" lejn membri parlamentari sempliċement għaliex jiffurmaw parti minn partit politiku partikolari.

Repubblika jidhirlha li dan l-aġir jikkostitwixxi fatt gravi u li hu inaccettabli meta jsir mill-persuna responsabbli mit-taħriġ tal-pulizija, tas-suldati u membri ta' korpi dixxiplinati oħra ta' pajjiżna. Ma jistax ikun li min għandu fdat f'idejn it-taħriġ tal-membri tal-korp dixxiplinati tagħna jġib ruħu b'dan il-mod xokkanti.

Għaldaqstant, nitolbok tieħu l-passi meħtieġa biex turi li int u l-Gvern tiegħek ma taċċetawx dan l-aġir u li tqisu kull theddida għad-demokrazija u għal-libertà bħala fatt gravi u inaċċettabli.

Kopja ta' din l-ittra qed tinbagħat lill-Prim Ministru.

**Dr Robert Aquilina**
President

Kopja: Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, Il-Berġa ta' Kastilja, Valletta

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba MQB1011
contact@repubblika.org